A.L. 151 ta' l-1989

ORDINANZA DWAR IT-THARIS MILL-MARD (KAP. 36)

Regolamenti ta' l-1989 dwar it-Tiżmim ta' Annimali Ħallieba

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 87 ta' l-Ordinanza dwar it-Tħaris mill-Mard, il-Ministru għall-Iżvilupp tal-Produzzjoni, bil-parir tal-Kunsill tas-Saħħa, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1989 dwar it-Tiżmim ta' Annimali Ħallieba.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta ta' kliem ma tkunx teħtieġ mod ieħor —

"Direttur" tfisser id-Direttur ta' l-Agrikoltura u Sajd u tinkludi kull uffiċjal tad-dipartiment li jkun debitament awtorizzat mid-Direttur li jaġixxi f'ismu;

"tħaxxen" tfisser li żżomm minn żmien-il ftim sa żmien-il qatla;

"trabbi" tfisser tnissel u trabbi sa żmien-il qatla u tinkludi l-bejgħ ta' annimali miftuma;

"iżżomm" tinkludi trabbi, tħaxxen u taħleb;

"annimal" tfisser annimal mara jew ħallieba tal-ġens bovin, ovin jew kaprin u tinkludi annimal raġel tal-istess ġens, kif ukoll nisel raġel u mara tagħhom;

"Veterinarju tal-Gvern" tfisser veterinarju fl-impieg tal-Gvern;

"qasam" tinkludi kull *dairy*, razzett, maqjel, depositu tal-ħalib nej u kull imkien fejn jinżammu annimali ħallieba.

Reġistru ta' irziezet eċċ.

3. (1) Għall-finijiet li jassigura it-tħaris ta' tixrid ta' mard fost l-annimali, id-Direttur għandu jżomm reġistru ta' irziezet u ta' kull min ikun jaħdem fihom.

(2) Ikun id-dmir ta' kull min iżomm razzett, jew li jaħdem jew ikun impjegat f'razzett, li jirreġistra lilu nnifsu u r-razzett fejn ikun jaħdem, jew li jkun iżomm, għand id-Direttur, u ħadd ma għandu jżomm annimali, jew jaħdem, f'razzett bħal dak sakemm hu u r-razzett li jkun jaħdem fih ma jkunux hekk reġistrati.

Validità tar-reġistrazzjoni.

4. Reġistrazzjoni li ssir skond ir-regolament ta' qabel dan tkun valida sal-31 ta' Diċembru tas-sena li ssir fiha, iżda tista' tiġġedded min sena għal sena taħt dawk il-kundizzjonijiet li d-Direttur jista' jippreskrivi.

Pjanta.

5. Kull applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' razzett għandha ssir mid-detentur ta' dak ir-razzett, u għandu jkollha magħha pjanta li tkun turi s-sit u l-lokalità ta' madwar sa distanza ta' mitejn metru mill-perimetru tar-razzett.

Ċaqlieq ta' annimali.

6. Ħadd ma għandu jċaqlaq jew jagħti lok li jiċċaqlaq xi annimal minn razzett reġistrat għal x'imkien ieħor jew għal biċċerija, sakemm ma jkunx qabel kiseb permess bil-miktub mingħand id-Direttur għal dak l-iskop.

Ktieb tar-Razzett.

7. Kull detentur ta' razzett għandu jżomm Ktieb tar-Razzett, f'dik il-forma li d-Direttur ikun jeħtieġ, li fih jinkitbu dettalji tan-numru u xorta ta' annimali li jkunu qed jinżammu fir-razzett u kull żieda jew tnaqqis fl-għadd tagħhom, kif ukoll kull dettall dwar l-identifikazzjoni tagħhom, flimkien mad-dati relattivi.

Akkwist ta' annimali.

8. (1) Min ikun reġistrat kif imsemmi qabel f'dawn ir-regolamenti ma jistax jakkwista annimali, għal ebda raġuni, mingħand persuna li ma tkunx reġistrata skond l-artikolu 3 ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Kull annimal li jinżamm f'razzett li jkun reġistrat skond ir-regolamenti 7 imsemmi qabel għandu jkun identifikat permezz ta' tpinġija bit-*tattoo, freezebranding,* tqegħid ta' lametta mal-widna, jew b'xi metodu ieħor li jkun għas-sodisfazzjon tad-Direttur.

Reġistrazzjoni ta' kull twelid eċċ.

9. (1) Kull min iżomm bovini għandu jirreġistra kull twelid tagħhom għand id-Direttur fi żmien għaxart ijiem mit-tifriħ tagħhom.

(2) Kull min iżomm ovini jew kaprini għandu jirreġistra l-annimali kollha li jkunu qegħdin jinżammu għat-tnissil fi żmien tliet xhur mit-tifriħ tagħhom.

Rapport ta' imwiet.

10. Minnufih kif tiġri l-mewt ta' annimal reġistrat, il-mewt għandha jew tiġi rapportata lid-Direttur, jew l-annimal għandu jiġi ċertifikat li hu mejjet minn veterinarju reġistrat.

Tnissil artifiċjali.

11. (1) Ħadd ma jista' jwettaq it-tnissil artifiċjali ta' annimali sakemm id-Direttur ma jkunx sodisfatt li persuna tkun kwalifikata li twettaq tnissil bħal dak u tkun reġistrata mid-Direttur għal dak il-għan.

(2) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, persuna titqies li hi kwalifikata jekk tgħaddi minn eżami orali u prattiku fis-suġġett għas-sodisfazzjon tad-Direttur.

Funzjonijiet tad-Direttur.

12. (1) Għall-finijiet ta' tħaris ta' tixrid ta' mard, id-Direttur jista':

(a) b'avviż fil-Gazzetta jillimita jew jipprojbixxi il-bejgħ jew iċ-ċaqlieq ta' annimali, lejn jew minn xi nħawi ta' dawn il-gżejjer.

(b) jeħtieġ lil min ikun reġistrat kif imsemmi qabel f'dawn ir-regolamenti li jagħti kull tagħrif dwar iċ-ċaqlieq ta' annimali lejn jew mir-razzett tiegħu, u ta' kull bejgħ u xiri tagħhom;

(ċ) f'kull ħin jidħol ġewwa kull maqjel jew imkien ieħor fejn ikollu għaliex raġonevolment jaħseb li jkunu qegħdin jinżammu annimali, bil-għan illi:—

(i) jispezzjona l-annimali li jkunu qegħdin jinżammu f'dak l-imkien; jew

(ii) jagħmel kull eżami meħtieġ fuq l-annimali sabiex joħroġ djanjosi ta' mard; jew

(iii) jieħu eżemplari ta' demm jew materjal ieħor mill-annimali għall-finijiet ta' djanjosi ta' mard; jew

(iv) jimmarka l-annimali b'dak il-mod li jkun jikkunsidra bala meħtieġ għal-fini tal-identifikazzjoni tagħhom, jew kif provdut fil-paragrafu (2) tar-regolament 8 ta' dawn ir-regolamenti; jew

(v) ilaqqam l-annimali.

(2) Ikun id-dmir ta' kull min ikun reġistrat kif imsemmi qabel f'dawn ir-regolamenti li jipprovdi kull għajnuna meħtieġa lid-Direttur għat-twettiq xieraq tal-funzjonijiet tiegħu skond il-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament.

Ħruġ ta' ċertifikat dwar razzett.

13. Meta d-Direttur, wara li jagħmel dik l-investigazzjoni li jkun iqis meħtieġa, ikun sodisfatt li razzett ikun ħieles mill-mard, huwa jista' joħroġ ċertifikat lid-detentur ta' dak ir-razzett li jkun ifisser dan u, wara li jinħareġ dak iċ-ċertifikat, id-detentur ma għandux idaħħal fir-razzett xi annimal ieħor li ma jkunx ċertifikat minn Veterinarju tal-Gvern bħala li hu ħieles mill-mard.

Żoni nodfa.

14. (1) Meta fil-fehma tad-Direttur l-irziezet kollha f'xi żona f'Malta jew f'Għawdex ikunu ġew ċertifikati minnu li huma ħielsa mill-mard skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 13 ta' dawn ir-regolamenti, id-Direttur jista' joħroġ avviż li jkun ifisser dan fil-Gazzetta.

(2) Meta jkun inħareġ avviż bħal dak, ħadd ma jista' jdaħħal f'dik iż-żona xi annimal sakemm dak l-annimal ma jkunx ċertifikat minn Veterinarju tal-Gvern li jkun ħieles mill-mard.

Reati.

15. Min jikser jew jonqos milli jikkonforma ruħu ma' xi wieħed mid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jew ma' xi avviż li jingħata bis-saħħa tagħhom, jew li jtellef jew ifixkel lid-Direttur milli jagħmel xi ħaġa li jista' jagħmel skond il-liġi skond id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, ikun ħati ta' reat kontra t-Taqsima II ta' l-Ordinanza dwar it-Tħaris mill-Mard, u d-dispożizzjonijiet tat-Titolu III tat-Taqsima III tal-Ordinanza imsemmija ikunu japplikaw.

Revoka.

16. Mingħajr preġudizzju għal dak li seta' sar taħt id-dispożizzjonijiet tagħhom, dawn ir-regolamenti li ġejjin huma b'dan revokati:—

A.L. 28 ta' l-1961:	Regolamenti ta' l-1961 dwar il-Kontroll tat-Tuberkoloži u Bruċelloži ta' Bovini;
A.L. 3 ta' l-1963:	Ordni ta' l-1963 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Bovini f'Għawdex;
A.L. 33 ta' l-1963:	Ordni ta' l-1963 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Bovini f'Malta;
A.L. 61 ta' l-1964:	Regolamenti ta' l-1964 dwar it-Tħaris mill-Mard (Bruċelloži tal-Mogħża);
A.L. 35 ta' l-1967:	Regolamenti ta' l-1967 dwar il-Kontroll fuq il-Bruċelloži tal-Mogħoż;
A.L. 93 ta' l-1973:	Regolamenti ta' l-1973 dwar il-Kontroll fuq il-Bruċelloži tan-Nagħaġ.